



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2016
COM(2016) 436 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport annwali dwar l-implementazzjoni tal-Inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna
tal-UE fl-2015**

I. Introduzzjoni

Kif previst mit-Trattat ta' Lisbona¹, l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-inizjattiva Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE fl-2014². L-objettiv huwa li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tipprovdi għajjnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u għat-tisħiħ tal-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastri f'pajjiżi terzi, filwaqt li ċ-ċittadini Ewropej jingħataw l-opportunità li juru solidarjetà mal-persuni fil-bżonn billi jieħdu sehem f'azzjoni umanitarja f'dawn il-pajjiżi.

L-Artikolu 27 tar- Regolament (UE) Nru 375/2014 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżaminaw il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament³.

Dan ir-rapport annwali jiddeskrivi l-attivitajiet u l-kisbiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE fl-2015 li kienet sena ferm importanti sabiex l-inizjattiva ssir operattiva bit-tfassil tal-passi li jmiss fl-implimentazzjoni tagħha.

II. Obiettivi u prioritajiet

L-attivitajiet fl-2015 huma bbażati fuq il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-Implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE fl-2015 adottata mill-Kummissjoni⁴ skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 u l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva fl-2015 kien stabbilit għal EUR 13 868 000 bl-għan li jinbnew il-kapaċitajiet tal-bini tal-organizzazzjonijiet ospitanti f'pajjiżi terzi u li tiġi pprovduta assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti bbażati fl-Istati Membri tal-UE; li tikkontribwixxi lejn il-bini tar-reżiljenza u l-ġestjoni tar-riskji marbuta mad-diżastri f'pajjiżi vulnerabbli, fraġli jew milquta minn diżastri u kriżijiet minsija; li ttejjji l-għażla, it-taħriġ u l-iskjerament tal-voluntiera u t-tneġġja pubblika tal-inizjattiva, l-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE, it-tneġġja tas-sejħa għall-offerti għall-għażla tal-fornitur tat-taħriġ; u diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni. Attivitajiet iffinanzjati taħt il-Programm ta' Ħidma għall-2014⁵ bħal pereżempju ċ-ċertifikazzjoni li għada għaddejjja tal-organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti; l-istabbiliment ta' skema tal-assigurazzjoni għall-voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE u l-għażla ta' proġetti għall-bini ta' kapaċità u assistenza teknika seħħu wkoll fl-2015 wara l-adozzjoni tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija hawn fuq.

¹ L-Artikolu 214(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "Sabiex jiġi stabbilit qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti minn żgħażaġh Ewropej għall-azzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja ta' l-Unjoni, għandu jkun stabbilit Korp Volontarju Ewropew ta' Ghajjnuna Umanitarja. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri għall-funzjonament ta' dan il-korp."

² Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Ghajjnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE")(ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1398/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi standards u proċeduri dwar il-voluntiera kandidati u l-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE (ĠU L 373, 31.12.2014, p. 8). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew tal-Ghajjnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE") (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52).

³ L-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE ġie ppreżentat fl-2014, COM(2015)335 tat-13.07.2015.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)1548 tat-12.3.2015 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2015 u l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva għall-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2014)3872 tas-16.6.2014 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2014 u l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva għall-Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE.

III. Azzjonijiet implimentati fl-2015

Il-qiegħda attwali tal-fażi tal-Għażla u dik Kuntrattwali - il-31 ta' Diċembru 2015													
Azzjoni	Intervenzjonijiet pjanati	Referenza tas-Segħa	Skadenza tas-Segħa	Numru ta' Applikazzjonijiet irċevuti	Numru ta' Applikazzjonijiet ineliġibbli	Numru ta' Proġetti rifjutati	Numru ta' Proġetti magħżula	% ta' Proġetti magħżula ta' Applikazzjonijiet eliġibbli	L-ewwel Deċiżjoni ta' Għotja li ttehdet	Kemm fadal iżmien għall-għotja (f'xhur)	Kemm fadal iżmien għall-kuntratt (f'xhur)	Is-somma ta' TTA TTC	Għotjiet Attwali Totali
Centrifkazzjoni ta' organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti	100	Mhux applikabbli	30/09/2020	37	0	0	20*	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Skjerament ta' Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE	25	EACEA/25/2015	30/10/2015	2	0	0	2	100%	Mhux applikabbli**	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Assistenza Teknika	20	EACEA/03/2015	01/04/2015	4	1	0	3	100%	10/07/2015	3,57	2,30	5,87	1 327 753,32
			01/09/2015	3	1	1	1	50%	01/12/2015	3,30	0,23	3,53	196 889,47
			01/04/2015	7	3	1	3	75%	10/07/2015	3,57	2,53	6,10	1 536 821,07
Bini ta' kapaċità			01/09/2015	5	2	0	3	100%	01/12/2015	3,30	0,30	3,60	1 766 251,65
Għotjiet Totali (bi-esklużjoni ta' Centrifkazzjoni)	45	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	21	7	2	12	85,00%	Mhux applikabbli	3,44	1,34	4,78	4 827 715,51
* Il-kumplement tas-17 il-applikazzjoni se liju valutati fi-2016		** id-deċiżjoni tal-għotja tittieħdet fi-2016											

* Il-kumpliament tas-17-il applikazzjoni se jiġu valutati fl-2016 ** Id-deċiżjoni tal-għotja tittieħed fl-2016

1. Ċertifikazzjoni

L-organizzazzjonijiet kollha li jixtiequ jibgħatu jew jospitaw voluntieri taħt l-inizjattiva tal-EUAV (EU Aid Volunteers Initiative) iridu jiġu ċertifikati⁶. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni jivverifika li l-*standards* għoljin u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-volontiera stabbiliti għall-protezzjoni u l-ġestjoni ta' voluntiera waqt l-iskjerament tagħhom taħt l-inizjattiva tal-EUAV jistgħu jiġu mwettqa u milħuqa bis-sħiħ mill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni fl-2015 huwa ffinanzjat taħt il-Programm ta' Ħidma għall-2014. Għet ippubblikata seġha għall-offerti f'Jannar 2015⁷. L-oġġettiv huwa li tiġi kkompilata lista ta' 100 organizzazzjoni emittenti u ospitanti li jixtiequ jipparteċipaw fl-inizjattiva tal-Volontiera tal-Għajjnuna tal-UE. Tressqu 37 applikazzjoni, 13-il organizzazzjoni emittenti u seba' (7) organizzazzjoni ospitanti ġew iċċertifikati u l-ebda applikazzjoni ma għet miċħuda sa tmiem l-2015⁸. Is-17-il applikazzjoni li fadal qegħdin jiġu valutati fl-2016. Iċ-ċertifikazzjoni huwa proċess kontinwu u l-applikazzjonijiet se jiġu aċċettati sat-30 ta' Settembru 2020.

2. Assistenza teknika / Bini ta' kapaċità

L-inizjattiva Volontiera tal-Għajjnuna tal-UE tipprovdi opportunitajiet għal bini ta' kapaċità għal organizzazzjonijiet ospitanti u assistenza teknika għal organizzazzjonijiet emittenti⁹. L-oġġettiv huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet li għandhom l-intenzjoni li jipparteċipaw fl-inizjattiva u li tiġi żgurata l-osservanza tal-*standards* u l-proċeduri dwar il-volontiera kandidati u l-Volontiera tal-Għajjnuna tal-UE. Seġha għal proposti EACEA/03/2015 għet ippubblikata f'Jannar 2015¹⁰ li tipprovdi finanzjament b'baġit totali ta' EUR 6 948 000 għall-kofinanzjament ta' proġetti għall-bini ta' kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti u l-assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti f'diversi oqsma bħal pereżempju l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni tal-volontarji, il-kapaċità għall-kisba ta' ċertifikazzjoni, l-għodod u l-metodi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-bini ta' sħubiji, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni. Is-seġha kienet tikkonsisti f'żewġ fażijiet (l-ewwel skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kienet l-1 ta' April 2015 u t-tieni skadenza kienet l-1 ta' Settembru 2015). Dsatax-il (19) applikazzjoni ġew sottomessi (sebgħa (7) għal assistenza teknika u 12 għal bini ta' kapaċità). Għaxar proġetti kienu magħżula għall-kofinanzjament b'għotja tal-UE ta' EUR 4 827 715,51: sitt proġetti taħt l-ewwel ċiklu (tlieta għal assistenza teknika u tlieta għal bini ta' kapaċità) għal ammont totali ta' EUR 2 864 574,39 u erba' proġetti (wieħed għal assistenza teknika u tlieta għal bini ta' kapaċità) fit-tieni ċiklu għal ammont totali ta' EUR 1 963 141,12.

⁶ L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 375/2014; L-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1398/2014.

⁷ <https://eacea.ec.europa.eu/sites/eacea-site/files/certification-call-announcement-012115.pdf>

⁸ https://eacea.ec.europa.eu/eu-aid-volunteers/selection-results/selection-results-certification-mechanism-for-sending-and-hosting-organisations_en

⁹ L-Artikolu 10 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 375/2014

¹⁰ ĠU C 17, 20.1.2015, p. 10.

Tnejn u għoxrin (22) organizzazzjoni fil-kuntast ta' proġetti ta' assistenza teknika u 66 organizzazzjoni fil-kuntast ta' proġetti ta' bini ta' kapaċità huma involuti fl-implimentazzjoni biex isaħħu l-ġestjoni u s-sistemi operattivi, u biex jaħdmu flimkien biex jimplimentaw l-aħjar prassi fit-twassil tal-għajnuna umanitarja u ġestjoni tal-volontarjat¹¹. Il-proġetti qed jikkontribwixxu l-aktar lejn il-proċess ta' bini ta' sħubija ma' 57 sieħeb parteċipanti li mhumieq parti mill-Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni (FPA - Framework Partnership Agreements) / imsieħba parteċipanti li huma parti mill-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA - Financial and Administrative Framework Agreement)¹² u 120 relazzjoni imsieħba ġdida maħluqa bejn l-organizzazzjonijiet bħala riżultat tal-bini ta' kapaċità u l-qasam tal-assistenza teknika tal-inizjattiva tal-Għajnuna tal-Voluntiera tal-UE.

Il-proġetti ta' assistenza teknika għal organizzazzjonijiet bbażati fl-UE huma ffokati fuq it-tisħiħ tal-kapaċità fl-erja tan-netwerk. Il-bini ta' sħubija u alleanza fost l-organizzazzjonijiet huwa qasam ċar ta' prijetà, li l-organizzazzjonijiet jixtiequ jiżviluppaw. Oqsma tematiċi oħra jinkludu l-iżvilupp organizzazzjonali, il-maniġment ta' proġetti, l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs u l-fehma ta' liġijiet nazzjonali rilevanti li japplikaw għall-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, li wħud minnhom huma karatteristiċi tal-istandards u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-voluntiera abbażi tal-inizjattiva tal-EUAV u tar-rekwiżiti taħt il-proċess ta' ċertifikazzjoni. Il-proġetti għall-bini ta' kapaċità għal organizzazzjonijiet ibbażati f'pajjiżi terzi huma iffokati wkoll fuq il-formazzjoni ta' bini ta' sħubija u formazzjoni ta' alleanza. L-istabbiliment ta' standards li jirregolaw il-ġestjoni ta' sħubijiet, il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, il-ġestjoni tal-programmi u l-volontarjat lokali fl-iżvilupp huma oqsma tematiċi oħra li l-organizzazzjonijiet beħsiebhom isaħħu.

Studju tal-każ: spinta għar-rispons lokali għal għargħar


Permezz tal-proġett dwar l-Iżvilupp tal-Inizjattivi ta' Reżiljenza tal-Balkani u tal-Ewropa - BEDRIN - l-organizzazzjonijiet fil-pajjiżi tal-UE u fil-Balkani tal-Punent qed iħejju għal parteċipazzjoni fl-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE kif ukoll jibnu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet lokali biex jiffaċċjaw l-għargħar u r-riskji relatati fiż-żona tal-baċin tax-xmara tad-Drin.

Studju tal-każ: il-kisba ta' organizzazzjonijiet involuti ma' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE:

Il-Volontarjat f'Għajnuna Umanitarja - L-organizzazzjoni emittenti (VolinHA-SO) qed taħdem mal-imsieħba f'disa' pajjiżi tal-UE u qed tuża standards tal-EUAV kif definiti fil-proċess ta' ċertifikazzjoni biex tgħin fil-bini tal-kapaċitajiet tagħhom, b'attenzjoni partikolari fuq it-tisħiħ tal-politika ta' ġestjoni tal-volontarjat. Permezz ta' dan, il-proġett għandu l-mira li jsahhaq il-kollegamenti bejn l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u jżid il-kapaċità tagħhom biex jipparteċipaw fl-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

¹¹ Lista ta' applikazzjonijiet magħżulin għal finanzjament abbażi ta' Ċiklu 1 u Ċiklu 2 https://eacea.ec.europa.eu/eu-aid-volunteers/selection-results/technical-assistance-and-capacity-building_en

¹² L-imsieħba tal-ECHO taħt Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni (FPA) jew Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti (FAFA).



Il-proġetti tal-2015 tal-Bini ta' Kapaċità u ta' Assistenza Teknika

- L-imsieħba tal-proġett ibbażati f'pajjiżi tal-UE
- L-imsieħba tal-proġett ibbażati f'pajjiżi terzi

3. Skjerament

L-iskjerament ta' voluntiera hija waħda mill-azzjonijiet ewlenin taħt l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. L-oġettiv huwa li jintgħażlu, jiġu mħejjija u skjera voluntiera żgħażaġh u anzjani biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata lejn it-tisħiħ tal-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri f'pajjiżi terzi. Is-sejħa għal proposti EACEA/25/2015 ġiet ippubblikata f'Lulju 2015¹³ b'mod li tipprovdi finanzjament b'baġit totali ta' EUR 8 400 000 għall-kofinanzjament ta' proġetti għal skjera ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, inkluż xogħol ta' apprendistat għal professjonisti żgħażaġh u bini ta' kapaċità u / jew assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet li jimplimentaw. Iż-żmien tas-sejħa iqis il-progress tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-ħtieġa għal grupp ta' organizzazzjonijiet iċċertifikati. Kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni, il-voluntieri jistgħu jiġu skjera (jintbagħtu u jintlaqgħu) minn organizzazzjonijiet iċċertifikati biss. Barra minn hekk, f'konformità mal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2015, il-proġetti għandhom jitwettqu minn konsorzju ta' mill-inqas tliet organizzazzjonijiet emittenti u tliet organizzazzjonijiet ospitanti iċċertifikati. Sat-30 ta' Ottubru 2015 (id-data ta' skadenza tas-sejħa għall-proposti) żewġ applikazzjonijiet li jinvolvu 26 organizzazzjoni ġew sottomessi. Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu finalizzati fl-2016 b'għotja massima tal-UE ta' EUR 1 392 442,17 u l-bidu tal-implimentazzjoni prevista għal Ġunju / Lulju 2016.

4. Assigurazzjoni

Skont il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2014 li jipprovdi allokkazzjoni tal-baġit ta' EUR 4 000 000 għall-perijodu 2015-2020 għall-assigurazzjoni ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u x-xogħol ta' apprendistat, ġiet ippubblikata¹⁴ sejħa għal offerti fl-31 ta' Diċembru 2014. L-

¹³ GUC 249, 30, 7, 2015, p. 8.

¹⁴ https://eacea.ec.europa.eu/about-eacea/calls-for-tender-eacea/insurance-for-eu-aid-volunteers_en

objettiv huwa li jiġi żgurat li l-voluntiera li jipparteċipaw fl-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jkunu koperti minn pjan ta' assigurazzjoni komplut imfassal speċifikament biex jipproteġihom matul il-perjodu kollu tal-iskjerament tagħhom. Fl-4 ta' Novembru 2015, ġie konkluż kuntratt ta' servizz ma' Cigna International Health Service BVBA għal ammont massimu ta' EUR 2 500 000 li jistabbilixxi skema tal-assigurazzjoni li tkun applikabbli mal-iskjerament tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. L-ewwel rapport interim magħmul minn pjan ta' implimentazzjoni li jsemmi l-istadji differenti, l-attivitajiet relatati, u skeda ta' żmien proposta li tistabbilixxi l-istruttura tas-servizz meħtieġ ġie sottomess f'Diċembru 2015 mill-kuntrattur.

5. Programm ta' Taħriġ

Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għat-taħriġ fit-30 ta' Ottubru 2015¹⁵. L-objettiv huwa li jiġi żviluppat il-programm ta' taħriġ għall-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE; li jiġu pprovduti servizzi ta' taħriġ għal kandidati voluntiera; u li jiġu valutati l-kompetenzi tal-kandidati voluntiera mħarrġa skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1398/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1244/2014. Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-iffirmar tal-kuntratt qafas għandhom jiġu ffinalizzati fl-ewwel nofs tal-2016 bi programm ta' taħriġ li jkun disponibbli għall-kandidati Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE qabel l-iskjerament tagħhom.

L-azzjonijiet ippreżentati fit-taqsimiet 1-5 huma ddelegati u implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA - Education, Audio-visual and Culture Agency) f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni¹⁶. Id-diviżjoni tal-kompiti bejn il-Kummissjoni u l-EACEA hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18.12.2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). L-EACEA hija aġenzija eżekuttiva responsabbli għall-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE permezz ta' sejħiet għal proposti, sejħiet għall-offerti u l-ġestjoni tal-kuntratti sussegwenti u għall-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti tal-baġit f'konformità mal-programmi ta' ħidma annwali adottati mill-Kummissjoni.

F'termini ta' mmaniġġjar operazzjonali, il-Kummissjoni tibqa' direttament responsabbli biex jiġi stabbilit Netwerk tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, il-pjattaforma onlajn ċentrali u l-komunikazzjonijiet.

Il-modalitajiet u l-proċeduri ta' interazzjoni huma rregolati permezz ta' Memoranda ta' Ftehim bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-EACEA. Fl-2015, il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-EACEA kompliet tevolvi u rriżultat f'interazzjoni attiva fl-implimentazzjoni tal-programm. Minħabba li l-monitoraġġ hija kwistjoni ewlenija għall-inizjattiva, Qafas għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ġie stabbilit u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2015. Il-qafas jiddeskrivi d-

¹⁵ <http://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:396826-2015:TEXT:EN:HTML&tabId=1>

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18.12.2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokazzjonijiet tal-FEŻ (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 658 tat-12.2.2015).

distribuzzjoni tal-kompiti fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-dejta. Id-dejta miġbura permezz ta' dan il-qafas u l-analiżi rilevanti għandhom jalimentaw il-proċess tar-rappurtar u għandu jikkontribwixxi għal valutazzjoni interim u *ex post* tal-inizjattiva. L-ewwel missjonijiet konġunti li jinvolvu r-rappreżentanti tal-EACEA u l-Kummissjoni seħħew b'mod li kkontribwixxu għal monitoraġġ aħjar tal-proġetti.

6. Miżuri ta' Appoġġ

Bl-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-Unjoni, qatt ma kien daqshekk importanti li jiġu żgurati komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni effettivi fost iċ-ċittadini tal-UE dwar azzjonijiet konkreti ta' solidarjetà u appoġġ mill-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

Il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2015 jipprovdi assistenza finanzjarja ta' EUR 418 000 għal miżuri ta' appoġġ immirati lejn l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni ta' beneficijarji potenzjali dwar il-programm.

Pjan ta' Komunikazzjoni (2015–2020)¹⁷ kien approvat f'Lulju 2015 fejn jiddeskrivi l-istrateġija ta' komunikazzjoni, l-oġġettivi, il-messaġġi ewlenin u l-attivitajiet possibbli ta' komunikazzjoni li jsostnu l-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. L-implimentazzjoni hija meħuda mill-Kummissjoni u minn partijiet terzi li jipparteċipaw fl-inizjattiva prinċipalment voluntiera, organizzazzjonijiet emittenti fl-Ewropa u organizzazzjonijiet ospitanti fpajjiżi terzi.

Ġie organizzat Jum ta' Tagħrif u Networking f'Jannar 2015. L-għan ta' dan l-avveniment pubbliku kien li jispjega lill-imsieħba futuri għall-implimentazzjoni l-oportunitajiet ta' finanzjament disponibbli taħt l-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u biex iniedi l-ewwel attivitajiet (is-sejħa għal proposti għal assistenza teknika u l-bini ta' kapaċità u s-sejħa għal applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti). L-avveniment irnexxa f'li laħaq lill-benefiċjarji potenzjali b'108 persuna li attendu, u organizzazzjonijiet minn 21 pajjiż rappreżentat.

Saret konferenza "Back to Base (Lura għall-Bażiku)" f'Settembru 2015, b'voluntiera u organizzazzjonijiet sħab mill-proġetti pilota jingħaqdu flimkien biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jitgħallmu¹⁸. Il-konferenza tat l-oportunità lill-partiċipanti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp kontinwu tal-inizjattiva, inkluż l-input tal-pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. Il-partiċipanti kkondividew ukoll l-istejjer tagħhom f'sensiela ta' intervisti filmati¹⁹, prodotti ta' komunikazzjoni effettiva għall-promozzjoni fil-futur tal-inizjattiva.

Ġie prodott film qasir "Biex issir organizzazzjoni ċċertifikata u tibbenefika minn Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE bi kwalifiki għoljin" li jispjega l-proċess ta' ċertifikazzjoni u jgħin lill-organizzazzjonijiet biex jipparteċipaw fl-inizjattiva²⁰.

In-netwerk tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jippermetti lill-partijiet interessati biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u jżidu l-partiċipazzjoni. In-netwerk diġà ġie implimentat permezz ta' avvenimenti bħal laqgħat ta' diskussjoni tal-imsieħba li jippermettu lill-imsieħba

¹⁷ http://ec.europa.eu/echo/files/euaidvolunteers/EUAV_CommunicationPlan_en.pdf

¹⁸ Sommarju tal-konferenza: http://ec.europa.eu/echo/sites/echo-site/files/EUAV_report.pdf

¹⁹ http://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en

²⁰ https://www.youtube.com/watch?v=fOKqT_xpIXw

jagħmlu skambju tal-aħjar prattika u jitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom tal-programm. L-għodda ewlenija li tippermetti l-ħidma ta' dan in-netwerk hija l-pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, li daħlet fil-produzzjoni fl-2015. Il-pjattaforma li qed tiġi żviluppata mill-Kummissjoni se tappoġġja lill-imsieħba fl-iskjerament tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE permezz ta' sistema volontarja ta' rintraċċar, li tippermetti volontarjat u funzjonament onlajn bħala l-bażi ta' dejta tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. Il-pjattaforma se tipprovdi ħoloq għall-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għall-pjattaforma ta' taħriġ u t-tagħlim kontinwu u l-perkors tal-iżvilupp tagħhom, u għodda li tikkomunika mal-imsieħba tal-proġett u volontarji oħra.

Il-pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE se tipprovdi wkoll mod kif l-organizzazzjonijiet u l-voluntiera imsieħba jikkondividu l-esperjenzi tagħhom sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien u jiġi permess lill-imsieħba u l-voluntiera li jaħdmu aktar mill-qrib flimkien, b'mod li jappoġġjaw koordinazzjoni aħjar. Il-pjattaforma se tkun varata fl-2016, bil-fażi inizjali tagħha li tiffoka fuq l-appoġġ għall-ewwel proġetti ta' skjerament.

Fl-2015 ġiet żviluppata identità viżiva unika għall-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE li tinkludi l-bandiera tal-UE, l-isem tal-inizjattiva u s-slogan tal-Voluntieri tal-Għajnuna tal-UE “We Care, We Act (Aħna Nagħtu Każ, Aħna Nagħixxu)”. Qed tiġi mnedija l-inizjattiva, li għandha tintuża mill-Kummissjoni u l-partijiet terzi kollha li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva, bħall-organizzazzjonijiet implimentattivi fil-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet emittenti madwar l-UE, u l-voluntiera, f'konformità mal-linji gwida ta' viżibbiltà u l-pjan ta' komunikazzjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE²¹.

Fl-2015, saru għadd ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jinvolvu l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bl-għan li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar l-opportunitajiet ipprovduti mill-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u li jiġu inkoraġġuti l-benefiċjarji u l-voluntiera potenzjali biex jipparteċipaw fil-programm.

L-azzjonijiet ippreżentati fit-taqsimha 6 huma implimentati mill-Kummissjoni bil-kooperazzjoni mal-EACEA wara t-tqassim tal-kompiti bejn l-EACEA u s-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tad-delega tas-setgħat.

IV. Il-konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Wara l-adozzjoni tal-pakkett leġislativ dwar l-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, l-2015 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' firxa sħiħa ta' attivitajiet, inkluża ċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet, it-tnedija ta' sejħa għal proposti għal assistenza teknika u l-bini ta' kapaċità, is-sejħa għal proposti għall-iskjerament, is-sejħa għall-offerti għat-taħriġ tal-voluntiera, l-istabbiliment tal-iskema tal-assigurazzjoni u l-bidu tal-iżvilupp tal-Pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. Il-fażi pilota implimentata bejn l-2011 u l-2014 ġiet magħluqa u l-inizjattiva ġiet varata formalment b'konferenza b'attenzenza ta' voluntiera u organizzazzjonijiet li kienu pparteċipaw fil-fażi pilota.

Abbażi ta' din il-fondazzjoni soda, l-implimentazzjoni tal-inizjattiva se tkompli. L-azzjonijiet konkreti se jkunu ffukati fuq l-għażla, it-taħriġ u l-iskjerament tal-voluntiera; l-implimentazzjoni ta' proġetti attwali u l-għażla ta' proġetti ġodda dwar l-iskjerament ta' voluntiera, il-bini ta' kapaċità u l-assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti u

²¹ http://ec.europa.eu/echo/files/euaidvolunteers/EUAV_CommunicationPlan_en.pdf

ospitanti; iċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet emittenti u organizzazzjonijiet ospitanti applikanti; L-attivitajiet relatati mal-applikazzjoni tal-iskema tal-assigurazzjoni u t-taħriġ tal-volontiera se jkomplu. Il-Pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għar-reġistrazzjoni, networking, volontarjat u taġlim onlajn se tiġi mnedija.

F'konformità mal-Programm ta' Ħidma għall-2016²², wieħed mill-oġettivi ewlenin se jkun li jikkontribwixxi lejn il-bini tar-reżiljenza u l-ġestjoni tar-riskji marbuta mad-diżastri f'pajjiżi vulnerabbli, fraġli jew milquta minn diżastri u kriżijiet minsija, inkluż azzjonijiet fl-istadji sussegwenti taċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri: prevenzjoni tad-diżastri, tħejjija għad-diżastri, tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u rkupru minn diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, twissija bikrija. L-iskjerament ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE f'pajjiżi terzi u l-proġetti mmirati lejn il-bini tal-kapaċitajiet tal-komunitajiet lokali se jwieġbu għal impenn politiku b'saħħtu tal-Kummissjoni dwar ir-reżiljenza u ser jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetajiet aktar ippreparati, inklużivi, u stabbli, billi jittejjbu s-servizzi u l-opportunitajiet, il-mitigazzjoni tar-riskji, u t-tnaqqis tat-tbatija u t-telf.

Aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ssibha fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en.

²² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)9058 tal-15.12.2015 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2016 u l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.